raqt bija. Int għedtli li l-ħabib tiegħek Santinu rbaħtu int! Meia mhux tassew! Int ma rbaħt xejn!

DEMONJU : Aħfirli, Satana. Hekk mingħalija jien. Possibbli li ħadt żbal!? Din l-ewwel darba li ġrali hekk. Jien m'għandix tort...

LUĊIFRU : Għandek u nofs u taqla' xebgħa kif imiss minn għandi stess.

DEMONJU : Le, le, jaħasra! Għadni ma nistax nemmen. Jien għalija rbaħt. Saqsih daqsxejn kif kienet il-biċċa.

LUĊIFRU : Tindaħaliix. Hallini nagħmel jien. M'int tajjeb għal xejn. Ma tiswa xejn. (*idur fuq SANTINU*) Ladarba ma nistax għaiik, ikolli nbaxxi rasi u nitolbok tispjegali din il-biċċa kif inhi. (*jiftakar f'DEMONJU*) Imma stenna ftit. Mhux quddiem sudditu tiegħi. Dan qatt ma jkun. (*lil DEMONJU*) Itlaq 'il barra, int! Ma rridekx tisma'. Oħroġ.

DEMONJU : Hallini, Satana. Għandi kurżità li ma ngħidx biex nara kif...

LUĊIFRU : Itlaq 'il barra, għedtlek! U titbigħedx minn hawn biex jekk inkun irridek insejjaħlek.

DEMONJU : Serv tiegħek (*joħroġ*).

LUĊIFRU : Għidli, issa li aħna waħedna, wiċċ imbwiċċ, fissirli ftit, jekk jogħġbok, dil-praspura. Għalfejn ġejt hawn? Xi trid? Kif sibt irkabtu? Għaliex dan id-demonju qalli li int għal magħna fil-waqt illi m'intix? Għaliex?

SANTINU : Bil-mod. Hudha bil-mod. Toqgħod tisħon xejn għax għandek sħana ta' forn hawn ġew.

LUĊIFRU : Min-nar x'tistenna? Hawn dejjem hekk.

SANTINU : Imma insomma, ara, tridx tiftaħ xi tieqa għax la noħroġ nieħu riħ.

LUĊIFRU : Kemm inti furjuż?

SANTINU : Kemm jogħġobni, qalbi. Jien m'iniex imdorri hawn. Iftaħ it-twieqi għax qed ixoqq il-għaraq għalija. Rewwaħli ftit.

LUĊIFRU : It-twieqi ma niftaħhomx. Nibża' li xi demonju jfettillu jaħrabli. Hawn kollha xjaten, taf. Kollha tentazzjonijiet. U ħadd m'hu qiegħed hawn għal qalbu.

SANTINU : Barra minni. Jien hawn ġejt għal ftit. Imma l-ftit



li sa noqgħod sa jkun għal qalbi ħafna. Biss sħana wisq. Jekk tibża' tiftaħ it-twieqi, islifni palju.

LUĊIFRU : Palju nagħtik. Hu tiegħi. (*Jisilfu palju*). Issa għidli. Irrakkuntali. Spjegali ftit.

(*jissokta*)

---

## "SHERRY PARTY" MOGĦTI MILL-"GĦAQDA" LIT-TABIB KAV. ĠUŻÈ GALEA, M.D., D.P.H., M.B.E., FL-OSBORNE HOTEL

Fit-22 ta' Jannar il-"Għaqda" tat *Sherry Party* lill-President tagħha, it-Tabib Kav. Ġ. Galea, M.D., D.P.H., M.B.E., bħala sinjal ta' qima u ferħ wara li dana ġie mill-Maestà Tiegħu r-Re mżejjen bit-titlu ta' M.B.E. Il-"Għaqda" mal-erba' xhur ilu kienet ukoll fissret il-ferħ tagħha lill-President wara l-miġja tiegħu u tas-sinjura tiegħu mill-Ingilterra u mill-Iskozja bi Pranzu fl-"Hotel Phoenicia" fl-okkażjoni taż-żewġ kariki għolja, ta' Lettur tal-Mediċina Legali u ta' Tabib Anzjan fl-Uffiċċju Sanitarju, li fihom kien laħaq; u l-President mill-banda l-oħra għoġbu wkoll ifisser ir-radd tal-ħajr u l-għożża tiegħu lejn is-sentimenti tal-"Għaqda", billi, kif diġà ħabbarna fil-*Malti* ta' qabel, stieden għal "At Home" il-Membri bis-Sinjura tagħhom fl-okkażjoni tad-dekorazzjoni ta' l-M.B.E. Din id-darba l-"Għaqda" ħasset ukoll li għandha tfisser il-ferħ tagħha għal dan il-ġieħ li mas-Sena l-Ġdida lilu ngħata mir-Re.

Il-laqgħa ta' din id-darba ma kenitx inqas ta' ferħ u hena miż-żewġ laqgħat ta' qabel u fiha l-membri tal-"Għaqda" u l-mistednin tagħhom setgħu jkollhom l-isbaħ okkażjoni jitkellmu u jedhew bil-kumpannija ta' xulxin.

Fost il-membri tal-"Għaqda" kien hemm dawn is-sinjuri, xi wħud bis-sinjura tagħhom ukoll :— Apap Victor u s-sinjura, Prof. Aquilina Jos., u s-sinjura, Agius Marju, Biancardi Nikol, Dr. Briffa Ružar, Busuttil J.E., Av. Buttigieg Anton, Caruana Savier u s-sinjura, Cassar Pullicino Ġ., Chetcuti Ġ., Cremona A., Muscat Azzopardi Ivo (organizzatur tal-*Party*), Kissaun Michael, Ransley George, Tabone Patri Pawl, Zahra Walter, Zarb Adami Godfrey u s-sinjura, Vassallo Karmenu. Fost il-mistednin kien hemm : il-President tal-"Għaqda" Dr. Galea G. u s-sinjura; Darmanin Vladimir; Ellul Edw., Kummissarju għal Malta f'Londra; Muscat Azzopardi Ugo u s-sinjura.